**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Pubblika Annwali**
**5 ta' Ġunju 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fit-Tea Room, Ġnien is-Serenita, Santa Luċija fis-6:00pm.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku (skużata għall-10 minuti)
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

1.1 Qari tar-Rapport Amministrattiv mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku talbet li tiġi skużata għall-10 minuti fis-6.35pm

1.2 Ilmenti u Suġġerimenti tar-residenti

1.2.1 Resident għadda suġġeriment li t-toqob li hemm fil-binja l-ħamra li saret fi Ġnien l-Iskultura mhumiex adattati għat-tfal iż-żgħar minħabba li bdew jitilgħu t-tfal u jixxabbtu. Għalhekk ġie issuġġeriet li jsir perspex transparenti. Fl-istess waqt ġie issuġġeriet li l-art tkun soft flooring mhux konkos. Is-SE infurmat li ser ngħaddu dawn is-suġġerimenti lill-Project Green. Is-Sindku infurmat ukoll li minn naħa tagħha ġa irrapurtat li x-xifer huwa perikoluż u żewġ gates ġew magħluqa minħabba s-sigurta tat-tfal.

1.2.2 Resident għadda suġġeriment sabiex tiġi rrestawrata l-ġibja li tinsab f'Wied Garnaw minħabba li għandha l'fuq minn 350 sena u qed jinħela ħafna ilma.

1.2.3 Residenta staqsiet meta ser isiru Triq il-Kaħwiela u Triq Maria De Domenics. Is-SE infurmat li IM ħarġu t-tender għal Triq Maria De Domenicis u huwa ppjanat li xogħol fi Triq il-Kaħwiela jibda fis-sajf.

1.2.4 Resident staqsa fix wasal il-proċess tal-One Way ta' Trejqet Garnaw. Is-SE infurmat li dil-ġimgħa l-Kunsill irċieva l-kummenti ta' TM u ser tiġi mgħoddija għall-attenzjoni tal-Kunsilliera fis-seduta li jmiss.

1.2.5 Resident staqsa dwar il-Krematorju. Is-SE infurmat li bħala Kunsill ser jerġa joġġezzjoni għal ta' Sqaq Lampat. Fl-istess waqt is-SE infurmat li ser tiġi diskussa fis-seduta li jmiss. Ir-resident irrimarka li allavolja l-proposti tal-Guthenberg, l-krematorju ta' Raħal Ġdid u Sqaq Lampat mhumiex f'Santa Luċija, dawn jinsabu fil-Local Plan tal-PA ta' Santa Luċija, kif ukoll hemm residenza viċin tal-krematorju propost fi Sqaq Lampat. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill għandu ċans joġġezzjona sas-27 ta' Ġunju 2025. Il-Kunsillier Sciberras kjarifika li fl-2003 kien hemm applikazzjoni għal miżbla fl-istess sit ta' fejn qed jiġi ssuġeriet il-krematorju ta' Sqaq Lampat.

1.2.6 Residenta infurmat li maLl-stages għad hemm imwaħħla lis-skeda ta' April u talbet li dawn jitneħħew u titwaħħal l-iskeda l-ġdida. Is-SE infurmat li ser tieħu nota.

1.2.7 Resident informa li madwar Sqaq Lampat hemm 4 għelieqi (madwar il-krematorju propost) li qed jintużaw bħala scrapyard kif ukoll qed jaħarqu t-tyres fihom. Is-SE infurmat li idealment isir rapport dak il-ħin lill-PA u Pulizija ħabba l-ħruq tat-tyres kif ukoll bħala kunsill ser jagħmel rapport lill-PA.

1.2.8 Is-Sindku infurmat li s-Sindku tal-Gudja infurmaha li hemm applikazzjoni għall-Krematorju tal-annimali. Minn naħa tagħha ser titolbu l-PA number tal-applikazzjoni sabiex tkun tista tgħaddih lir-resident.

1.2.9 Resident staqsa fix wasal l-embellishment tal-latrina li tinsab f' Dawret it-Torri. Is-Sindku infurmat li qed nistennew l-insurance mingħand il-kuntrattur u fl-istess waqt instabu xi ħsarat li ma kellnix kontrol fuqhom.

1.2.10 Resident talab li tiġi solvuta l-problema tal-ħruġ minn Santa Luċija peress li biex tmur fis-south ta' Malta r-residenti qed jeħlu fit-traffic. Ir-resident informa li din kienet wegħda għar-residenti u għadu ma sar xejn.

1.2.11 Referenza għaċ-ċentru ċiviku, r-residenti talbu li jitnaqqas l-ispjazju għall-Kummissarju tat-tfal sabiex il-Kunsill jista jsir biswit il-Kummisarju, alavaloja r-residenti rrimarkaw li postu mhuwiex hemm. Ir-residenti fakkru li ċ-ċentru ċiviku postu huwa flok il-Kummissarju anke peress li huwa aktar aċċessibbli. Ir-residenti infurmaw li jekk il-Kunsill ser japplikaw għall-Pjazza 7 ta' Lulju, bħala residenti ser joġġezzjonaw.

1.2.12 Residenti li joqgħodu Triq il-Ġibjun talbu li jiġu mibgħuta tas-sanita minħabba li qed isibu l-ġrieden fil-parapetti tagħhom. Is-SE infurmat li ser nirrapurtaw.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm

Konfermati, illum 28 ta' Lulju 2025.

____IFFIRMATI______________________ __________ IFFIRMATI

Charmaine St John
Sindku

Bernice Darmanin
Segretarju Eżekuttiv